KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa urġenti tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 336**

**Il-Ġimgħa, 17 ta' Marzu 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-seba' ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**336.1** Diskussjoni u approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijet tal-kumitat tal-Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti rigward sejħa; LCS36/16 *Reconstruction of a new public convenience to include disabled access and gender neutral facilities at Għar Lapsi, Siġġiewi.*

336.1.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju jispjega l-offerti li kien irieva l-Kunsill Lokali. Is-Segretarju spjega li hekk kif għalaq il-ħin li sa matulu kellhom jidħlu l-offerti l-Opening Committee fetaħ l-offerti li kienu daħħlu. L-offerti li daħħlu kienu minn Progressive Solutions Ltd, LBV Ltd, Fransil SRL u Nicholas Farrugia. Huwa spjega li dakinhar stess fil-11.00 a.m. iltaqa' l-kumitat tal-evalwazzjoni li għamel evalwazzjoni ta' kull offerta li kienet daħlet. Kull offerta kienet evalwata li hi korretta bl-irħas offerta tkun dik ta' LBV Ltd. Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat il-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit qalet li l-kumitat ħejja r-rapporti meħtieġa u r-rakkomandazzjoni tiegħu hi li l-offerta tingħata lil LBV Ltd.

336.1.2 Is-Sindku qal li fid-dawl tal-kwistjoni pendenti mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar jekk il-Kunsill Lokali għandux il-funzjoni li jagħmel dan il-proġett, hu qed jipproponi li l-offerta tingħata lil LBV Ltd iżda li din tkun soġġetta għall-approvazzjoni da parti tad-Dipartiment li l-Kunsill għandu tassew il-funzjoni li jwettaq l-imsemmija xogħlijiet. Il-Kunsilliera Gillian Farruga Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 12 ta' April 2017.

| | |
|---|---|
| L-Avukat Karol Aquilina | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |